**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 468/21**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Grech)**
**(Spett. Andy Rotin)**

**Vs**

**Tania Borg**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Tania Borg**, bint Anthony Spiteri u Carmen neè Azzopardi, imwielda r-Rabat, Malta, fil-25 ta' Ġunju 1982 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0389282(M), talli fix-xhur t' April u Mejju tas-sena 2021 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommettiet serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta p.l.c., li jappartjeni lil Maria Dolores Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-persuna u li sar għad-dannu ta' l-istess Maria Dolores Masini u/jew ta' xi persuna/i oħra;

2. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħames mitt Euro (€500) iżda mhux t'aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) b'qerq, għad-detriment ta' Joseph Lewis, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena, liema qerq jammonta għal ħsara ta' iżjed minn tlett elef Euro (€3,000);

3. Kif ukoll talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioè ċekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjenu lil Maria Dolores

Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Maria Dolores Masini;

4. Kif ukoll talli xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli naqset milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., b'Digriet ieħor datat 29 ta' Marzu 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., u b'Digriet ieħor datat 23 ta' Mejju 2019 li bih ukoll kienet ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.;

6. Ukoll talli saret reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tirrevoka t-tlett digrieti ta' ħelsien mill-arrest imsemmija iktar 'l fuq ta' Tania Borg u tordna l-arrest mill-ġdid tagħha, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala depożitu u s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali li għandha imposti fuqha bid-Digriet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. datat 15 ta' Frar 2018, kif ukoll is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali li għandha imposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., bid-Digriet datat 29 ta' Marzu 2018, u kif ukoll tordna li s-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) bħala depożitu u s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali li għandha imposti fuqha bid-Digriet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., datat 23 ta' Mejju 2019, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta hekk kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex il-Qorti; (iii) f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti; (iv) f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Tania Borg għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "AR1" sa' Dok. "AR5" a fol. 11 sa' 24 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 28 ta' Lulju 2021[1] inħareġ Ordni ta' Iffriżar fil-konfront ta' l-imputata ai termini ta' l-Artikolu 23A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 5 tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[2];

---

[1] Fol. 5 u 6 tal-proċess.
[2] Fol. 10 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Andy Rotin waqt is-seduti ta' l-4 ta' Awwissu 2021[3], tad-9 ta' Awwissu 2021[4] u tal-25 ta' Novembru 2021[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AT1" sa' Dok. "AT4" a fol. 34 sa' 37 tal-proċess, Dok. "AT5" a fol. 86 tal-proċess, Dok. "ARX1" sa' Dok. "ARX4" a fol. 145 sa' 153 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Maria Dolores Masini[6] u ta' Alfred Masini[7] mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2021 u x-xhieda ta' Joseph Lewis mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Awwissu 2021[8] u tas-16 ta' Settembru 2021[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JL1" sa' Dok. "JL5" a fol. 69 sa' 73 tal-proċess u Dok. "JL1" u Dok. "JL2" a fol. 115 u 116 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Pauline Lewis mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021[10] u x-xhieda ta' l-Ispettur Matthew Grech mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021[11], semgħet ix-xhieda ta' PS790 Nathan Zerafa[12], ta' PS826 Matthew Parnis[13] u ta' PS276 Gregory Attard[14] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u x-xhieda ta' Joanna Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Novembru 2021[15] u tal-11 ta' Mejju 2022[16] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JB" a fol. 135 sa' 141 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Anna Marie Xuereb mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022[17] u x-xhieda ta' Emereziana Agius, in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022[18], semgħet ix-xhieda ta' PC2418 Annalise Theuma[19] u ta' PC1015 Samantha Tabone[20] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022 u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa[21], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, u ta' Dr. Ismael Buttigieg[22], in rappreżentanza ta' l-Assets Recovery Bureau, mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022 u rat ir-rapport esebit minn Dr. Ismael Buttigieg markat Dok. "ARB" a fol. 186 sa' 314 tal-proċess, rat id-dokument esebit mill-imputata permezz ta' Nota ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2022 markata Dok. "TB" a fol. 337 sa' 339 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputata mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022[23] u x-xhieda ta' Dr. Nadia Vella, in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea p.l.c., mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2022[24], semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Marzu 2023[25] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha markat Dok. "MZ" a fol. 380 sa' 401 tal-proċess;

[3] Fol. 33 tal-proċess.
[4] Fol. 84 u 85 tal-proċess.
[5] Fol. 143 u 144 tal-proċess.
[6] Fol. 38 sa' 45 tal-proċess u fol. 74 u 75 tal-proċess.
[7] Fol. 46 sa' 53 tal-proċess.
[8] Fol. 54 sa' 68 tal-proċess.
[9] Fol. 113 u 114 tal-proċess.
[10] Fol. 87 sa' 95 tal-proċess.
[11] Fol. 117 u 118 tal-proċess.
[12] Fol. 120 sa' 122 tal-proċess.
[13] Fol. 123 sa' 125 tal-proċess.
[14] Fol. 126 u 127 tal-proċess.
[15] Fol. 133 u 134 tal-proċess.
[16] Fol. 185C sa' 185E tal-proċess.
[17] Fol. 170 u 171 tal-proċess.
[18] Fol. 173 tal-proċess.
[19] Fol. 178 u 179 tal-proċess.
[20] Fol. 180 u 181 tal-proċess.
[21] Fol. 185A u 185B tal-proċess.
[22] Fol. 185F tal-proċess.
[23] Fol. 362 sa' 365 tal-proċess.
[24] Fol. 367 tal-proċess.
[25] Fol. 377 sa' 379 tal-proċess.

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 19 ta' Lulju 2022[26], permezz ta' liema bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 261(d), 261(e), 268(a), 268(d), 269(g), 281, 282 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 184, 187(1), 187(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23A, 23B, 23Ċ, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022[27], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, filwaqt li l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li b'Digriet datat 18 ta' Jannar 2023[28], in segwitu għal talba mid-Difiża, ġie ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputata;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli fix-xhur t' April u Mejju tas-sena 2021 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkommettiet serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta p.l.c., li jappartjeni lil Maria Dolores Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-persuna u li sar għad-dannu ta' l-istess Maria Dolores Masini u/jew ta' xi persuna/i oħra; (2) u aktar talli b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn €500 iżda mhux t'aktar minn €5,000 b'qerq, għad-detriment ta' Joseph Lewis, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena, liema qerq jammonta għal ħsara ta' iżjed minn €3,000; (3) kif ukoll talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioè ċekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjenu lil Maria Dolores Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Maria Dolores Masini; (4) kif ukoll talli xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (5) u aktar talli

[26] Fol. 325 tal-proċess.
[27] Fol. 328 tal-proċess.
[28] Fol. 373 tal-proċess.

naqset milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., b'Digriet ieħor datat 29 ta' Marzu 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., u b'Digriet ieħor datat 23 ta' Mejju 2019 li bih ukoll kienet ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.; (6) ukoll talli saret reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

L-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata datata 19 ta' Lulju 2022[29], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 18, 261(d), 261(e), 268(a), 268(d), 269(g), 281, 282 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 184, 187(1), 187(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23A, 23B, 23Ċ, 49, 50, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**L-Ispettur Matthew Grech**[30] xehed li *nhar is-26 ta' April ta' din is-sena* [2021] *ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan marret tirrapporta ċertu Maria Dolores Masini, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità Numru 30259(M), fejn din qalet illi iktar kmieni dakinhar stess kienu ċemplulha mill-Bank of Valletta u qalulha li xi ħadd kien mar isarraf cheque meħud mic-cheque book tal-kont bankarju tagħha, liema cheque book ma ssarrafx. Qalulha illi c-cheque kien jammonta għal €700 u kien miktub fuq ċertu Kurt Carabott. Ma' dan hija marret fil-kexxun fil-kamra tas-sodda fejn iżżomm ic-cheque book u dan ic-cheque book ma sabitux hemm. Mill-ewwel ġiha suspett f'Tania Borg, l-imputata li jiena qiegħed nagħraf hawnhekk f'din l-awla, għaliex hija qalet illi ftit tal-jiem qabel kienet marret tnaddfilha d-dar u ma setgħet taħseb f'ħadd iżjed illi seta' kien suspettat illi ħadilha c-cheque book. Is-Sinjura Masini qalet illi Tania kienet marret tnaddfilha d-dar fit-23 ta' April ta' l-istess sena. Minn hemmhekk bdew l-investigazzjonijiet tagħna min-naħa tal-Pulizija ta' San Ġiljan u sussegwentement, iżjed tard din is-sena, cioè fil-15 ta' Mejju ta' din is-sena*

[29] Fol. 325 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 117 u 118 tal-proċess.

[2021], *mar ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun ċertu Joseph Lewis, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 539346(M), fejn dan qal illi kienet marret persuna tixtri d-deheb minn ġol-ħanut tiegħu, kienet xtrat brazzuletta għall-valur ta' €4,400, ħallsitu b'cheque, bdiet tgħidlu illi hija kien jisimha Maria Masini, infatti ffirmat ic-cheque Maria Masini, fejn meta mar isarraf dan ic-cheque, l-istess cheque ma ssarrafx. Komplejna bl-investigazzjoni flimkien mal-Pulizija tal-Ħamrun, ma' l-Ispettur Andy Rotin, is-Sinjura Tania Borg ġiet arrestata fis-26 ta' Lulju, fis-27 ta' Lulju ta' din is-sena* [2021] *ġiet interrogata, waqt l-interrogazzjoni ammettiet illi kienet hi illi serqet ic-cheque book u għamlet dawn iż-żewġ ċekkijiet u fit-28 ta' Lulju ta' din is-sena ressaqniha b'urġenza. … meta ġie mitkellem is-Sur Kurt Carabott mill-Pulizija, cioè l-persuna illi kien mar isarraf l-ewwel cheque, dan ma kkollaborax mal-Pulizija, beda jgħid illi kien silef xi flus lil Tania u Tania tatu parti minnhom permezz ta' dak ic-cheque però qabel bagħtet għalih il-Pulizija qatt ma mar jagħmel rapport minn jeddu u ma weriex illi xtaq l-ebda investigazzjoni rigward dak ic-cheque.*

**PS2418 Annalise Theuma**[31] kkonfermat li nhar is-26 ta' April 2021, Maria Dolores Masini u Alfred Masini għamlu rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġwann fir-rigward ta' serq ta' cheque book minn liema nħareġ ċekk għall-valur ta' €700. Ikkonfermat ukoll li r-rapport in kwistjoni jinsab esebit bħala Dok. "AR5" a fol. 21 sa' 24 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat ukoll minn **PS790 Nathan Zerafa**[32].

**L-Ispettur Andy Rotin**[33] xehed dwar ir-rapport illi sar minn Joseph Lewis fil-15 ta' Mejju 2021 u fir-rigward iddikjara li dan Joseph Lewis *stqarr illi fis-7 ta' Mejju ta' l-istess sena ġiet persuna femminili ġol-ħanut tiegħu bl-isem ta' Joseph Lewis Jewellery li jinsab ġewwa Misraħ il-Kebbies, Santa Venera, stqarret miegħu li jisimha Maria Masini u wżat cheque ffirmat Maria D. Masini biex xtrat brazzuletta ta' valur ta' €4,400 li mbagħad prova jiġi msarraf mill-istess Joseph Lewis iżda ma ġiex msarraf peress illi ma kienx hemm biżżejjed fondi. L-investigazzjoni tiegħi mbagħad kompliet bi tfittxija għal din il-persuna Maria Dolores Masini fuq is-sistema tagħna mbagħad irriżulta illi kien iddaħħal rapport minn din l-istess Maria Dolores Masini ġewwa l-Għassa ta' San Ġwann rigward il-fatt illi kien insterqilha c-cheque book u f'dan l-istess rapport kien hemm l-imputata Tania Borg li qed nagħraf hawnhekk indikata bħala suspettata a bażi għall-fatt illi kienet imqabbda tagħmel xi xogħol fid-data msemmija. Jiena kont għaddejt ordnijiet ukoll lil PS826, fir-rigward tar-rapport ta' Joseph Lewis qed nitkellmu, biex jiġbor il-filmat mill-istess ħanut tal-ġojjellerija mbagħad jiena komplejt biex ikkuntattjajt lill-Ispettur Matthew Grech ta' l-Għassa ta' San Ġiljan li kien ikkonċernat bħala uffiċjal investigatur tar-rapport li daħal minn Maria Dolores Masini fejn imbagħad ipproċedejna għall-arrest ta' Tania Borg b'mandat ta' arrest* - Dok. "AT5" a fol. 86 tal-proċess - *ibmagħad Tania Borg ġiet arrestata dakinhar tas-26 ta' Lulju tas-sena 2021 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għaxar minuti u hija stess irrilaxxjat stqarrija wara li ġiet interrogata minni u mill-Ispettur Matthew Grech ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun dakinhar tas-27 ta' Lulju ta' l-istess sena* - Dok. "AR" a fol. 11 sa' 14 tal-proċess.

---

[31] Xhiexa mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022, fol. 178 u 179 tal-proċess.
[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 120 sa' 122 tal-proċess.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021, fol. 84 u 85 tal-proċess.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2021[34], l-Ispettur Andy Rotin ippreżenta sett ta' ritratti konsistenti f'żewġ stills ta' CCTV footage elevati minn 12, Misraħ il-Kebbies, Santa Venera, li jiġi l-ħanut Joseph Lewis Jewellery, u f'żewġ ritratti li huma ritratt ta' cheque datat 9 ta' Mejju 2021 maħruġ favur Joseph Lewis għall-valur ta' €4,400 u ittra mibgħuta mill-Bank of Valletta lil Joseph Lewis - ilkoll flimkien esebiti bħala Dok. "AT1" sa' Dok. "AT4" a fol. 34 sa' 37 tal-proċess. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2021[35], l-Ispettur Andy Rotin ippreżenta sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tania Borg" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima fil-15 ta' Jannar 2014 - Dok. "ARX1" a fol. 145 sa' 147 tal-proċess - kif ukoll tlett Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest fi tlett proċeduri distinti lkoll fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tania Borg" datati rispettivament 15 ta' Frar 2018, kif varjat b'Digriet datat 9 ta' April 2018, 29 ta' Marzu 2018 u 23 ta' Mejju 2019, markati Dok. "ARX2" sa' Dok. "ARX4" a fol. 148 sa' 153 tal-proċess.

**L-Ispettur Anna Marie Xuereb**[36] ikkonfermat li d-Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest ippreżentati mill-Ispettur Rotin, ossia d-Digrieti a fol. 148 sa' 153 tal-proċess, kienu nħarġu fil-konfront ta' l-imputata odjerna fi proċeduri li fihom l-imsemmija Spettur kienet Uffiċjal Prosekutur u li saż-żmien tax-xhieda tagħha kienu għadhom in vigore. Dak affermat mill-Ispettur Anna Marie Xuereb ġie kkonfermat minn **Stephania Calafato Testa** fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[37].

**Emereziana Agius**[38], in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, iddikjarat li ma kienx hemm appell mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tania Borg" deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura, Kriminali, presjeduta mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima, fil-15 ta' Jannar 2014.

**PS826 Matthew Parnis**[39] ikkonferma r-rapport li għamel Joseph Lewis ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun, Dok. "AR4" a fol. 18 sa' 20 tal-proċess, u xehed ulterjorment illi meta huwa nforma lill-Ispettur tiegħu b'dan ir-rapport, dan tah struzzjonijiet biex jiġbor l-affarijiet kollha rilevanti għal dan il-każ fosthom photocopy tac-cheque in kwistjoni u CCTV footage, dwar liema Joseph Lewis ipprovdih b'xi ritratti. Mistoqsi jekk mill-istills provduti minn Joseph Lewis, huwa setgħax jidentifika lil xi ħadd, PS826 wieġeb *għalkemm jiena lill-persuna ma nafhiex jiġifieri per se ma stajtx nidentifikaha, il-persuna kienet tidher ċara fil-footage bħala description. Mir-rapport l-ieħor li jiena kont fittixt dwaru, li kienet għamlet din is-sinjura, ċertu Maria Masini, hija kienet identifikat persuna li kienet għadha kif daħlet f'darha ftit tal-ġranet qabel. Fl-istess rapport kienet indikat lill-Pulizija min hu, min kienet din il-persuna u mir-ritratt li kellna fuq is-sistema tagħna ta' din il-persuna li allegatament daħlet fid-dar biex tagħmel xogħol ta' cleaner tas-sinjura Maria D. Masini kienet tixbaħ ħafna lill-istess ritratti illi wrieni s-Sur Lewis. ... Jiena kelli isem però lil din il-persuna qatt ma rajtha live biex niftehmu u din il-persuna hija ċertu Tania Borg, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 389282(M).*

[34] Fol. 33 tal-proċess.
[35] Fol. 143 u 144 tal-proċess.
[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022, fol. 170 u 171 tal-proċess.
[37] Fol. 185A u 185B tal-proċess.
[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022, fol. 173 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 123 sa' 125 tal-proċess.

**PS276 Gregory Attard**[40], illi kien involut fi tfittxija fir-residenza ta' l-imputata wara li hija ġiet arrestata, iddikjara li t-tfittxija kienet intiża biex jinstab ic-cheque mertu ta' dawn il-proċeduri iżda din it-tfittxija irriżultat fin-negattiv. Huwa xehed illi *waqt li qed nagħmlu t-tfittxija dakinhar qaltilna* [ossia l-imputata] *"Naf x'qegħdin tfittxu, qegħdin tfittxu c-cheque però jiena cheque m'għandix hawnhekk u mhux se ssibuħ". Qaltilna wkoll għall-brazzuletta u qaltilna "Dik neħħejtha mhux qiegħda hawnhekk".* Mistoqsi jekk qaltilhomx x'għamlet bic-cheque book, PS276 wieġeb *iva, ic-cheque book kienet użathom u wżatu iktar minn darba kif ukoll kien baqalha cheque ieħor kienet ramietu u l-brazzuletta kienet neħħietha.*

**PC1015 Samantha Tabone**[41] kkonfermat li d-dokument Dok. "AR1" a fol. 15 tal-proċess huwa d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-assistenza legali ta' Tania Borg datat 27 ta' Lulju 2021 u fuq id-dokument għarfet il-firma tagħha, ta' Tania Borg u ta' l-Ispetturi Andy Rotin u Matthew Grech. In oltre għarfet lil Tania Borg bħala l-imputata fil-proċeduri odjerni u kkonfermat li kienet preżenti għall-istqarrija rilaxxata mill-imputata, mhux bħala xhud tal-firma iżda peress li l-imputata hija mara.

**Maria Dolores Masini**[42] xehdet illi hija twieldet fil-25 ta' Diċembru 1958 u tirrisjedi flimkien ma' żewġha Alfred Masini u binha Luke Masini, fil-fond "Interoma" 3, Triq il-Furrajna, San Ġwann. Xehdet ukoll illi għandha kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c. u dwar ir-rapport li għamlet mal-Pulizija stqarret illi *darba t-Tnejn 26 ta' April, ċempilli l-manager tal-bank u qalli, "Int għamilt xi cheque ta' 700?" U jiena għedtlu "Le" u qalli "Għax m'għandekx flus fic-cheque book" u għidtlu "Iva, naf li m'għandix flus fic-cheque book". Kelli xi €35 u ħaduli €30 minnhom għax ic-cheque ġie bounced u għidtlu "Mela nsteraqli". Qalli "Tista' tiġi?" U għidtlu "Iva" u mort il-bank insomma u qed jgħidli u għedtlu jekk nistax nara l-firma tac-cheque u rajtha u ndunajt li ma kinitx tiegħi u għidtlu "Mela nsteraqli minn waħda li ġiet tnaddaffli naħseb".* Meta Maria Masini rċeviet din it-telefonata mill-Bank, hija marret tara fil-kexxun fil-kamra tas-sodda tagħha fejn kienet soltu żżomm c-cheque book u ma sabitux hemmhekk. Meta hija semmiet l-isem ta' Tania Borg mal-manager tal-Bank ikkonfermalha li fuq wara tac-cheque kien hemm miktub dak l-istess isem.

Maria Masini għarfet lill-imputata bħala Tania Borg u ddikjarat li kienet tafha għaliex fit-23 ta' April 2021, Tania Borg kienet marret id-dar tagħha, ossia ta' Maria Masini, sabiex tnadfilha billi tħaslilha l-art u tfarfrilha. Fost il-kmamar li nadfitilha, nadfitilha l-kamra tas-sodda matrimonjali fejn kellha c-cheque book f'kexxun, liema kexxun ma kellux pum jew manku imma kien jinfetaħ u jingħalaq billi tmissu u tgħafsu ftit. Masini kkonfermat li lill-imputata ħalsitha għal dik il-ġurnata li kienet marret tnadfilha d-dar. Mistqosija jekk tafx lil ċertu Kurt Carabot, Masini wieġbet fin-negattiv iżda ddikjarat li kienet taf, mingħand il-Bank of Valletta, li kien inħareġ cheque minn tagħha f'ismu għall-valur ta' €700.

Fir-rigward tas-suspetti fil-konfront ta' l-imputata, Maria Masini ddikjarat *mort infittex fil-kexxun u ma sibtux … u ngħid il-verità meta kienet għandna bdiet tgħid li tista' tagħmel xi flus insomma xi 1,000 imbagħad ikollok 150 imgħax. … Hi bdiet*

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021, fol. 126 u 127 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' April 2022, fol. 180 u 181 tal-proċess.
[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2021, fol. 38 sa' 45 tal-proċess.

*tgħidilna li hemm xi skema li tagħmel €1,000 … Jiena nagħti €1,000 u tieħu xi 150 imgħax kull xahar jew xi ħaġa hekk u hi staqsietna jekk nitħajrux u għidnielha "Issa ngħidu lit-tfal" u meta jien għidt lit-tfal filgħaxija qaluli "No way li tista' tagħmel hekk". Imbagħad dħalt Google u sibtha li kellha xi affarijiet qabel. … Li kienet daħlet il-Qorti digà u kif imbagħad il-Bank of Valletta qalli bic-cheque book u mhux bic-cheque book, għedt mela bilfors hux.* Mistoqsija setax ħadu ħaddieħor dan ic-cheque book, bħal ad eżempju żewġha jew binha, Maria Masini wieġbet *ħadd ma jidħol aħna d-dar. … Ir-raġel jew it-tifel? Le ma jistax ikun għax la r-raġel u lanqas it-tifel mhu se jmissuli c-cheque book u anyway kienu jafu li m'għandix flus fic-cheque book jiena jiġifieri.*

Murija Dok. "AT3" a fol. 36 tal-proċess, ossia r-ritratt tac-cheque datat 9 ta' Mejju 2021 maħurġ lil Joseph Lewis għall-valur ta' €4,400, Maria Masini kkonfermat li dak kien cheque mic-cheque book tagħha iżda qalet li qatt ma kienet rat dak ic-cheque qabel, ma kenitx ħarġitu hi u li l-firma fuqu ma kenitx tagħha. Murija Dok. "JL4", ossia l-istess cheque maħruġ lil Joseph Lewis, Maria Masini tenniet li għalkemm ic-cheque huwa mic-cheque book tagħha, hija ma kenitx ħarġet dak ic-cheque u l-firma fuqu ma kenitx tagħha. Iddikjarat ukoll li l-mobile number li jidher fuq wara tac-cheque ma huwiex il-mobile number tagħha. Iddikjarat ukoll li xi żmien wara li rrappurtat ic-cheque book misruq, irċeviet telefonata fejn xi ħadd qalilha li marret tixtri brazzuletta għal missierha iżda c-cheque li ħallset bih ma issarrafx u hija weġbithom *jiena anzjana, il-papà tiegħi mejjet u żgur li ma ġejtx nixtri mingħandek.* Hija nfurmat lil dan il-persuna li kien insterqilha c-cheque book u li kienet għamlet rapport mal-Pulizija u meta bagħtilha xi ritratti tal-persuna li kienet xtrat il-brazzuletta, ikkonfermat miegħu li kienet l-istess persuna li skontha serqitilha c-cheque book.

In kontro-eżami Maria Masini ddikjarat li r-rapport mal-Pulizija għamlitu għaliex mingħajru l-Bank ma setgħax iwaqqaf ic-cheque book tagħha. Żiedet tgħid illi *lill-Pulizija għedtilhom "Jiena nhar il-Ġimgħa għandha terġa' tiġi. X'se nagħmel?" U qalli "Issa fil-kas ibgħatilha messaġġ u għidilha ma tiġix" u bgħattilha messaġġ.* Stqarret li l-imputata kienet marret tnaddfilha dik id-darba biss u li c-cheque book baqa' qatt ma ġie ritornat lilha.

**Alfred Masini**[43], ir-raġel ta' Maria Masini, essenzjalment ikkonferma dak kollu li qalet martu.

**Joseph Lewis**[44] xehed illi huwa ġojjellier u għandu ħanut tad-deheb ġewwa Santa Venera f'Nru.12, Misraħ il-Kebbies, Santa Venera. Fir-rigward tar-rapport li għamel mal-Pulizija, Joseph Lewis stqarr illi huwa għamel dan ir-rapport fil-konfront ta' ċerta Ms. Tania, in segwitu huwa sar jaf li hija Tania Borg, għax sa' dak iż-żmien hija ppreżentat ruħha għandu bħala Maria D. Masini. Stqarr li darba fost l-oħrajn kienet marret il-ħanut tiegħu u xtrat brazzuletta tad-deheb, skontha ghar-raġel tagħha, ħallset permezz ta' cheque ffirmat bħala Maria D. Masini, iżda dan ic-cheque ma ssarrafx u rċevieh lura mingħand il-Bank. Meta din il-persuna kienet fil-ħanut biex tixtri l-brazzuletta, kienet qaltlu li hija t-tifla ta' Tony, illi huwa kien jafu minn żmien qabel. Peress li kellu din l-informazzjoni, meta rċieva c-cheque lura għamel kuntatt

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2021, fol. 46 sa' 53 tal-proċess.
[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Awwissu 2021, fol. 54 sa' 67 tal-proċess.

ma' missierha ħalli dan jara x'se jagħmel biex huwa jitħallas. Minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas u anke ftehim bil-miktub dwar kif se jitħallas lura, huwa, sa' dakinhar li ta x-xhieda tiegħu, kien għadu ma tħallas xejn. Fil-frattemp sar jaf li l-imputata kienet biegħet il-brazzuletta għand il-Gold Market għall-valur ta' madwar €2,800, u dana minħabba l-fatt li hija kellha tagħti xi flus lil diversi nies oħra.

Joseph Lewis ippreżenta c-cheque li ngħata għall-bejgħ tal-brazzuletta għall-valur ta' €4,400, iżda li ma issarrafx, kif ukoll l-ittra mingħand il-Bank fejn appuntu ġie infurmat li c-cheque ma ssarrafx u dokumentazzjoni li turi b'kemm huwa kien akkwista l-istess brazzuletta. Meta ġie muri r-ritratti Dok. "AT1" u Dok. "AT2" huwa għarafhom bħala r-ritratti li ħa mis-sistema ta' CCTV fil-ħanut tiegħu u l-persuna li tidher fihom hija l-persuna li xtrat din il-brazzuletta permezz tac-cheque li ma issarrafx. Huwa għaraf ukoll lill-imputata bħala l-persuna li xtrat il-brazzuletta u ħarġet ic-cheque. Apparte minnhekk meta hija marret tkellmu flimkien ma' missierha, ammettiet miegħu li hija kienet ħarġet dak ic-cheque biex tħallas għall-brazzuletta. Joseph Lewis stqarr li solitament għal ammont inġenti bħal fil-każ in eżami ma jitħallasx permezz ta' ċekkijiet peress li ma jafdax iżda siccome l-imputata qaltlu li kienet it-tifla ta' Tony u huwa kien jafu, fdaha u aċċetta li jitħallas permezz ta' cheque. Fir-rigward huwa qal *jiena ma naċċettax ċekkijiet hekk le, żgur li le. … F'dan il-każ ma nafx x'ġara. Naħseb peress illi semmietli lil missierha, qisni għedit "It-tifla ta' Tony ma tasalx għal hekk hux". Imma sirt naf li tasal. Kieku ma kontx nagħmilha żgur.*

In kontro-eżami, Joseph Lewis stqarr illi tant fdaha lill-imputata meta qaltlu li kienet it-tifla ta' Tony li meta aċċetta c-cheque mingħandha lanqas talabha l-Karta ta' l-Identità tagħha u b'hekk dak il-ħin ma setax ikun jaf li c-cheque li kienet qed tħallsu bih ma kienx tagħha u li hija ma kenitx Maria Masini. Spjega wkoll li l-valur li bih huwa akkwista l-brazzuletta kien maqsum bil-mod segwenti: €35 ghal kull gramma deheb għall-manifattura u €6 għal kull gramma deheb għall-valur tad-deheb, u l-brazzuletta kienet tiżen 71 grammi. Iddikjara li l-valur ta' €4,400 li bih huwa biegħ il-brazzuletta lill-imputata kien jinkludi l-profitt tiegħu minn tali bejgħ.

**Pauline Lewis**[45] ikkonfermat li żewġha kien qalilha li biegħ brazzuletta lill-imputata u li c-cheque li ħallsitu bih ma ssarrafx. Ikkonfermat ukoll li hi u żewġha marru jkellmu lil missier l-imputata biex jaraw kif se jitħallsu u li dan qalilhom li qed inkwetah. Hija kellmet lill-imputata wkoll fejn din ta' l-aħħar qaltilha li kienet ser tkompli tgħaffeġ għaliex kellha tagħti lil ħafna nies. Ikkonfermat li r-ritratti Dok. "AT1" u Dok. "AT2" a fol. 34 u 35 tal-proċess juru l-ħanut tagħhom minn ġewwa u li il-persuna li tidher fir-ritratt hija l-imputata. Ikkonfermat ukoll li sa' dakinhar li tat ix-xhieda tagħha, kienu għadhom ma tħallsu xejn mingħand l-imputata.

**L-imputata**[46] xehdet illi fix-xhur ta' April/Mejju ta' l-2021 hija kienet marret tnaddaf id-dar ta' Maria Masini u li kienet marret darba waħda biss. Fir-rigward ta' Joseph Lewis hija stqarret *Joseph Lewis sirt naf bih għaliex jiena kont issellift xi flus mingħand ċertu wieħed Oscar Calafato, kienu bl-użura u meta jiena ma stajtx nagħtih il-pagament hu u l-mara tiegħu qaluli "Mur ġib biċċa deheb u biegħha, l-importanti li nieħu l-pagament jien"* u b'hekk marret għand Joseph Lewis fejn qaltlu

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021, fol. 87 sa' 95 tal-proċess.
[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, fol. 262 sa' 265 tal-proċess.

*jien it-tifla ta' Tony Spiteri li kien jaħdem id-deheb*. Ikkonfermat li dakinhar hija xtrat brazzuletta li ħallset għaliha permezz ta' cheque ta' Maria Masini u iddikjarat li ftit żmien qabel ma tat ix-xhieda tagħha hija kienet raddet lura l-valur tal-brazzuletta lil Joseph Lewis - fir-rigward ġiet esebita riċevuta rilaxxata mill-istess Joseph Lewis a fol. 338 tal-proċess.

In kontro-eżami għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni għalfejn ma kenitx tat lill-Pulizija d-dettalji ċari tas-sitwazzjoni tagħha bħala vittma ta' l-użura u meta mistoqsija tagħti ismijiet hija dawn ma tathomlomx, l-imputata wieġbet *jiena ma niftakarx tajtulekx però jiena ċerta li semmejtu quddiemek u kont ilni ngħidilkom li kont ilni nfittex l-għajnuna u kulħadd għalaqli l-bibien, sew Sedqa u sew Appoġġ. Mort għand kulħadd u nsemmihomlok bl-ismijiet, jiena mort għand Ashley nibki u għidtlu li għandi problema ta' użura kbira, kont kellimtek u għidtlek "Sir, jiena dan il-ħajt nimlihulek bl-ismijiet ta' nies" li biex inħallas hawn, inġib minn hawn, biex inħallas hawn, inġib minn hawn. Inti għidtli biex ngħinkom fl-investigazzjonijiet, jiena jekk għandi kollox ħażin, ma taqbadnix f'gidba u għidtli li inti ħa tgħini. Għidtlek "Sir, għini noħroġ mill-problema ta' l-użura". ... Għedtlek ukoll li kont qed niġi mhedda kuljum. ... Ma nafx tajthomlokx. Qed inkun sinċiera u qed ngħid ma nafx u l-biża' dejjem tkun fik. Jiena għandi tfal żgħar, ġie wara l-bieb, ħadli l-karozza, il-karozza qbadt u tajtu ċ-ċavetta tagħha u dejjem imregħda jien*. Ippressata tispjega għaliex lill-Pulizija ma tathomx ismijiet, l-imputata wieġbet *Sir, ma nafx għax inkun qed nigdeb però naf illi ssemma hawn darba fil-Qorti u Joseph Lewis jista' jikkonfermalek illi jiena kont vittma ta' użura ma' dan il-bniedem*.

Fil-kors tas-seduta tal-21 ta' April 2022[47], l-Avukat Difensur ta' l-imputata ddikjara li l-imputata tammetti li l-firma fuq ic-cheque maħruġ lil Joseph Lewis kienet kitbitha hi stess.

**Joanna Bartolo**[48], in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., xehdet illi *l-bank kien irċieva request for information mingħand l-Ispettur Matthew fis-27 ta' Lulju tas-sena 2021 fuq ċekkijiet maħruġin minn kont maħruġin ta' Maria Masini. L-account number huwa 40010680072 u l-ID Card number ta' Maria Masini 30259(M). Ħa nippreżenta kopja ta' l-ittra li fiha tgħid li cheque number 199 miġbud fuq dan il-kont u cheque number 197 ukoll miġbud fuq dan il-kont kienu ġew ippruvati biex jiġu depożitati, il-199 f'kont ta' Joseph Lewis, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 539346(M), u l-197 f'kont ta' Kurt Carabott, detentur tal-Karta ta' l-Identità 295394(M). Iċ-ċekkijiet kienu mwaqqfin, stop payment instructions, li kienu maħruġin fis-26 t'April tas-sena 2021 u ħa nippreżenta l-ittra li kont bgħatt lill-Pulizija, għandi kopja taż-żewġ ċekkijiet in kwistjoni li kienu intbagħtu lura lill-klijenti, kopja ta' l-istop payment instructions u kopja ta' l-istatement tal-kont ta' Maria Masini u kopja ta' l-istatement ta' Kurt Carabott* - Dok. "JB" a fol. 135 sa' 141 tal-proċess. Joanna Bartolo stqarret ulterjorment illi ċ-ċekkijiet li kienu maqbuda bl-istop payment instructions kienu minn cheque number 193 sa' cheque number 200 u ż-żewġ ċekkijiet imsemmija minnha, ossia 193 u 197 ġew ippreżentati għall-ħlas iżda ma ġewx onorati mill-Bank.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata:**

[47] Fol. 177 tal-proċess.
[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2021, fol. 133 u 134 tal-proċess.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata -** bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli fix-xhur t' April u Mejju tas-sena 2021 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta p.l.c., li jappartjeni lil Maria Dolores Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-persuna u li sar għad-dannu ta' l-istess Maria Dolores Masini u/jew ta' xi persuna/i oħra.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Lulju 2022[49], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 18, 261(d)(e), 268(a)(d), 269(g), 281, 282 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-elementi tar-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawża "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud,*

[49] Fol. 325 tal-proċess.

*iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Il-prova ċentrali li l-Prosekuzzjoni ressqet in sostenn ta' din l-imputazzjoni partikolari fil-konfront ta' l-imputata tikkonsisti prinċipalment fix-xhieda ta' Maria Dolores Masini u ta' żewġha Alfred Masini. Hekk kif il-konjuġi Masini ġew infurmati mill-Bank li kien inħareġ cheque għas-somma ta' €700 favur ċertu Kurt Carabott, liema cheque ma kienx inħareġ minn Maria Masini, huma mill-ewwel issuspettaw li cheque book ta' Maria Masini nsteraq u li kienet l-imputata li serqet tali cheque book meta marret tnaddaf għandhom fit-23 ta' April 2021. Skont il-konjuġi Masini dan ic-cheque book insteraq minn ġo kexxun fil-kamra tas-sodda tagħhom. Sussegwentement huma ġew infurmati bit-tieni cheque għall-valur ta' €4,400 li nħareġ a favur Joseph Lewis.

Mill-provi prodotti minn Joanna Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., senjatament ic-cheque images a fol. 136 u 137 tal-proċess, jirriżulta li dawn iż-żewġ ċekkijiet huma datati rispettivament 30 ta' April 2021 u 9 ta' Mejju 2021. L-imputata stess iddikjarat li hija ħallset lil Joseph Lewis permezz ta' cheque ta' Maria Masini u li l-firma allegatament ta' Maria Masini li tidher fuq ic-cheque kienet kitbitha hi.

Una volta li l-imputata kellha fil-pussess tagħha u wżat żewġ ċekkijiet rispettivament datati 30 ta' April 2021 u 9 ta' Mejju 2021, mic-cheque book ta' Maria Masini li kien irrappurtat misruq fis-26 ta' April 2021 wara li l-imputata kienet id-dar għandha fit-23 ta' April 2021, għandu jsegwi li bħala fatt kienet hi stess li serqet ic-cheque book ta' Maria Masini meta marret tnaddfilha id-dar. Għalkemm ic-cheque book ta' Maria Masini baqa' qatt ma nstab, il-ħtija ta' l-imputata għas-serq ta' l-istess tirriżulta a bażi tal-prinċipju ta' *unlawful possession of recently stolen goods.*

Fir-rigward ta' dan il-prinċipju ssir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020, fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et" ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998: *it-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and*

*property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5$^{th}$ ed., p. 49 (now 8$^{th}$ ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence that tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence'. … Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur David Saliba v. Jesmond Gatt[50] ġie ikkunsidrat li "Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice 1996 pg.18 para F3.28 jiddisponi s-segwenti: "In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced in untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly". Cross and Tapper fil-ktieb tagħhom "Evidence" paġna 35 jagħti l-istess spjegazzjoni għat-teorija in eżami u cioè huma jgħidu s-segwenti:- "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen". … Dwar il-ħin neċessarju sabiex il-pussess jissejjaħ riċenti l-Qorti tagħmel referenza għall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari*

[50] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2001.

*lil Cross and Tapper li jgħidu s-segwenti: "It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict". Archbold fl-opera fuq ċitata jgħid:- "Relevant factors include the nature of the property, its saleability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged". Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-ħaġa misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tiġi aċċettata u addottata mill-Qrati tagħna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Silvano Cilia" deċiża fil-wieħed u tletin ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija nhar il-ħdax ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Freddie sive Alfred Zahra" qiegħda hemm sabiex jiġi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li għandu fl-ewwel lok jiġi ppruvat li sar, u is-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-ħin jew żmien wara s-serqa, nexus li purche jiġu stabbiliti r-rekwiżiti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq ta' l-oġġett misruq għandu ftit tal-ħin wara s-serqa. ... Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha mingħajr dubbju ta' xejn tipprova li l-imputat kien fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa f'ċirkostanzi dubbjużi waqt li l-imputat ma offra l-eba spjegazzjoni fl-ebda ħin.*

Jiġi ribadit għalhekk li ladarba l-imputata kellha fil-pussess tagħha u wżat żewġ ċekkijiet meħuda mic-cheque book ta' Maria Masini li ġie rappurtat misruq ftit ġranet biss li l-istess imputata kienet fid-dar ta' Masini, għandu jsegwi li kienet l-imputata li serqet ic-cheque book in kwistjoni.

Ir-reat ta' serq li qed tiġi mixlija bih l-imputata jinsab kwalifikat bil-persuna u bil-lok ai termini ta' l-Artikoli 268(a)(d) u 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 268(a)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"persuna" - (a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur; taħt l-isem ta' "seftur" tidħol kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju jew bi ħlas ieħor, sew jekk din il-persuna tkun toqgħod jew le fid-dar mas-sid tagħha; ... (d) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq il-bastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu.*

Fil-każ in eżami ma hemmx dubju li l-imputata approfittata ruħha mill-fatt li hija kienet fid-dar ta' Maria Masini biex tnadfilha meta serqitilha c-cheque book tagħha. Huwa evidenti li kienet din il-kwalifika li tat lill-imputata l-possibilità li twettaq dan is-serq. Għax-xogħol ta' tindif li l-imputata wettqet a favur Maria Masini hija tħallset mill-istess Masini, hekk kif ikkonfermat minn din ta' l-aħħar u mhux kontestat jew imxejjen mill-imputata. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-kwalifika tal-persuna għar-reat ta' serq, liema kwalifika tal-persuna hija dik ai termini ta' l-Artikolu 268(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *huwa kkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir - ... (g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputata serqet ic-cheque book ta' Maria Masini minn ġor-residenza ta' l-istess Masini, senjatament minn kexxun fil-kamra tas-sodda matrimonjali. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli wkoll il-kwalifika tal-"lok" għar-reat ta' serq addebitat lill-imputata.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Lulju 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba wkoll fl-Artikoli 18, 282 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti ebda wieħed minn dawn l-artikoli tal-Liġi ma huwa applikabbli u rilevanti għall-finijiet ta' din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata.

Jibda biex jiġi osservat li l-imputata daħlet fir-residenza ta' Maria Masini darba biss u kien f'dik l-okkazzjoni unika li hija serqet ic-cheque book ta' l-istess Masini. Fid-dawl ta' dan għalhekk l-elementi tar-reat kontinwat previst fl-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jikkonsistu (i) fil-pluralità ta' azzjonijiet jew ommissjoni; (ii) vjolazzjoni ta' l-istess disposizzjoni tal-liġi; u (iii) magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ma jissussistux.

L-Artikolu 282 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta fis-serq akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261, iżda mhux dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.*

Fil-każ in eżami ma tressqitx prova speċifika fir-rigward tal-valur tac-cheque book misruq iżda l-Qorti tazzarda tgħid li l-valur huwa l-ammont ta' flus li jkun hemm fil-kont bankarju abbinat mac-cheque book in kwistjoni, liema flus potenzjalment jistgħu jittieħdu jekk jissarfu ċ-ċekkijiet. Fil-każ in eżami Maria Masini ddikjarat li fic-cheque book misruq ma kienx hemm wisq flus, fil-fatt iddikjarat li kien hemm is-somma ta' €35, li minnhom il-Bank ħadilha €30 meta ċ-ċekkijiet in kwistjoni ma issarfux. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-valur li jista' jiġi attribwit lic-cheque book huwa dak ta' €35, ammont dan li huwa għola mill-ammont li miegħu huwa marbut l-Artikolu 282 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant dan l-artikolu huwa għal kollox irrelevanti fil-kuntest tal-każ in eżami.

In fine l-Avukat Ġenerali jsemmi wkoll l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti imsemmija f'dan is-Sub-titolu* [Fuq is-Serq] *il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi. (2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena ta' reklużjoni, din il-piena tista' tingħata sa tmintax-il perijodu.*

Minn eżami tal-provi, senjatament mill-fedina penali ta' l-imputata[51], ma jirriżultax li l-imputata għandha kundanni preċedenti għal reati ta' serq. Konsegwentement għalhekk hija ma tistax u ma għandhiex titqies reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata -** bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn €500 iżda mhux t'aktar minn €5,000 b'qerq, għad-detriment ta' Joseph Lewis, anzjan ta' ħamsa u sebgħin (75) sena, liema qerq jammonta għal ħsara ta' iżjed minn tlett elef Euro €3,000.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Lulju 2022[52], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li : *Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin.* Dan l-artikolu tal-Liġi jittratta dwar ir-reat ta' truffa.

L-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa' sentejn jew il-multa.* Dan l-artikolu tal-Liġi jittratta dwar ir-reat (inqas gravi mir-reat ta' truffa) ta' frodi nnominata.

L-Artikolu 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar l-aggravanti tar-reati imsemmija, ibbażati fuq il-valur tal-ħsara magħmula.

Għall-finijiet ta' l-elementi tar-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kenneth De Martino**, pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2016, fejn ingħad: *L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-ġurisprudenza tagħna. "Fil-Liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun ġie perpetrat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent ... jekk l-ingann jew qerq ikunu jikkonsistu f'raġġiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi*

[51] Dok. "AR2" a fol. 16 tal-proċess.
[52] Fol. 325 tal-proċess.

*nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat)"*[53]*. Illi x'jikkostitwixxi r-raġġiri u l-artifizji wkoll huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Fi kliem Antolisei "artifizio è ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realtà effetuato sia simulando ciò che non esiste, sia dissimulando … ciò che esiste. Il raggiro d'altra parte è un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: più precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verità. … È certo che l'espressione del codice di per sè richiama l'idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera". Antolisei jkompli jgħid però li "nell'applicazione praticamente della legge questa idea è andata sempre più affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si è finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna può bastare per dare vita alla truffa". Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: "Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena cioè dawk l-artifizji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkumplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet"*[54]*. Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Marjanu Zahra*[55] *"biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati tagħna illi jridu jkkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat u cioè bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana r-reat u cioè l-użu ta' ingann jew raġġiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imħallef Carmel A. Agius) deċiża fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija v. Charles Zarb, il-Qorti għamlet esposizzjoni ferm preċiża studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dana r-reat: "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq improprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-Kodiċi Spagnol, għal Burla f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż … Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-parafrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi delle Due Sicilie, it-truffa kien sejħilha Frodi …".*

*Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin. Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulħadd. Fit-tieni lok il-leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt ta' truffa kull min: a. B'mezzi kontra l-liġi, jew b. Billi jagħmel użu minn ismijiet foloz; jew ċ. Ta' kwalifiki foloz; jew d. Billi jinqeda b'qerq ieħor; u e. Ingann; jew f. Billi juri ħaġa b'oħra sabiex*

[53] Il-Pulizija v. Carmela German, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Diċembru 2004.
[54] Il-Pulizija v. Emanuel Ellul, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997.
[55] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krimianli fit-2 ta' Marzu 2011.

*iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz; g jew Ta' ħila; h. Setgħa fuq ħaddieħor; jew i. Ta' krediti immaġinarji; jew j. Sabiex inqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor. ... Hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi...." Dwar artifizi ntqal mill-Qorti illi "hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpnajat minn apparat estern li jassaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġjalment komposta fil-kawża "Reg v. Francesco Cachia e Charles Bech" (03..01.1896 - Kollez. XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e flaza, ma richiede in oltre che siano state impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed è necessario quindi che la falza asseriva sia acompagnata da qualche atto diretto a darla fede".*

*Għar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti iċċitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet,*
*lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita ta' verità kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioè kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddiehor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell li ċċitat diversi sentenzi oħra tal-qrati tagħna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqgħu nvarjati fiż-żmien. Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del danno patrimoniale". Biex imbagħad jissusti dana it-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu "I tre momenti di cui si compone il reato è cioè la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179). Illi għar-rigward ta' dana l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deċiża 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e,*

*infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volontà sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbagħad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi għar-rigward ta' dana ir-reat, għalkemm l-element tar-"raġġiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għal kummissjoni ta' dana ir-reat, iżda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioè is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif ġie deċiż fis-sentenza "Il-Puliizja vs Carmela German" (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu għal kwistjoni jekk il-gidba sempliċi – a differenza ta' l-artifizji u raġġiri – tistax tammonta ossia twassal għar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija ċertament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal qerq, cioè intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet għal dana it-telf min-naħa w arrikkiment min-naħa l-oħra.*

Meta l-fattispecie tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati, jirriżulta li l-imputata effettivament wettqet ir-reat ta' truffa, ossia r-reat previst fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a dannu ta' Joseph Lewis. L-imputata għamlet użu minn cheque mic-cheque book misruq ta' Maria Masini, iffalsifikat il-firma fuq ic-cheque u ppreżentatu lil Joseph Lewis sabiex "takkwista" brazzuletta tad-deheb tal-valur ta' €4,400. Dana kollu ġie minnha stess rikonoxxut u ammess fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Permezz ta' dan ic-cheque mhux tagħha u b'firma falza fuqu, l-imputata ottjeniet mingħand Joseph Lewis l-imsemmija brazzuletta tad-deheb u in segwitu għaddiet biex terġa' tibegħha u minn tali bejgħ ottjeniet is-somma ta' iktar minn €2,000. Biex iktar twassal lil Joseph Lewis jafdaha u jemmen li c-cheque li kienet qed tiprpeżentalu kien tagħha u leġittimu, l-imputata semmiet lil missierha, li Joseph Lewis kien jafu, iżda ma qaltlux li hija kienet Tania Borg, ossia persuna differenti minn dik indikata fuq ic-cheque in kwistjoni, imma ppreżentat ruħha bħala Maria Masini u b'hekk bħala detentriċi, fid-dehra, leġittima tac-cheque minnha lilu ippreżentat.

Dan kollu jikkostitwixxi l-messa in scena rikjesta mil-Liġi sabiex flimkien ma' l-elementi l-oħra, inkluż il-qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ossia ta' Joseph Lewis, jissussisti r-reat ta' truffa ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Una volta li l-Qorti qed issib li l-imputata hija ħatja tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hijiex ser tikkonsidra r-reat inqas gravi ta' truffa nnominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li Joseph Lewis akkwista l-brazzuletta tad-deheb in segwitu minnu mibjugħa lill-imputata għall-prezz globali ta' €41 għal kull gramma deheb, b'dana li l-brazzuletta li kien fiha 71 grammi huwa akkwistaha għall-prezz ta' €2,911. Din il-brazzuletta una volta miżjud il-profitt li ried

jagħmel Lewis minn fuqha, kienet qed tinbiegħ u ġiet "akkwistata" mill-imputata għall-prezz ta' €4,400. Tħares minn fejn tħares lejn din il-kwistjoni jirriżulta li l-ħsara li l-imputata wettqet fil-konfront ta' Joseph Lewis bl-aġir kriminali tagħha fil-konfront tiegħu kienet ta' iktar minn €500 iżda inqas minn €5,000, ai termini ta' l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tosserva li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Lulju 2022, l-Avukat Ġenerali ndika wkoll l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia qed jindika r-reat kontinwat. Madanakollu però f'dan il-każ ukoll u in kwantu r-reat ta' truffa kif dirett fil-konfront ta' Joseph Lewis, li seħħ fis-6 ta' Mejju 2021, dakinhar li l-imputata "akkwistat" il-brazzuletta bic-cheque ta' Maria Masini, ma jissusistux l-elementi tar-reat kontinwat u għaldaqstant l-Artikolu 18 ma jsibx applikazzjoni.

**It-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata -** bit-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioè ċekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li jappartjenu lil Maria Dolores Masini, anzjana ta' tnejn u sittin (62) sena, minn San Ġwann, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Maria Dolores Masini, **u** kif ukoll talli xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

Huwa evidenti li l-imputata qed tiġi mixlija bir-reati previsti fl-Artikoli 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu illi: *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa' erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha* (Artikolu 183); *Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-Sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni* (Artikolu 184).

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Ġunju 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 18, 183, 184, 187(1), 187(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda r-reat tal-falsifikazzjoni, il-Liġi nostrali tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubbliċi u skritturi kummerċjali u ta' bank privat. Il-Liġi tagħmel distinzjoni bejn il-falz ideoloġiku u l-falz materjali u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, ġie osservat is-segwenti: *Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideoloġiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-każ tal-falz materjali id-dokument jiġi ffalsifikat fl-essenza tiegħu, fil-falz ideoloġiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioè fil-kontenut ideali tiegħu (ara Antolisei, F.*

*Manuale di Diritto Penale - V, VI, n, 2296 - 829) ikun hemm falsità materjali meta id-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tiegħu), mentri fil-falz ideoloġiku, għalkemm id-dokument ikun ġenwin "non è veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Għall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsità jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli għal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volontà (Antolisei, F. Op. cit., p. 594). S'intendi b'kitba wieħed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetiċi, iżda tinkludi dawk numeriċi, stenografiċi u anke kriptografiċi, basta li dik il-kitba tesprimi ħsieb li jkun jiftiehem minn kulħadd jew minn ċertu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkaniċi, b'mezz indelibbli jew li jista' jitħassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jieħu imqar temporanjament il-messagg ..."*

Fil-każ in eżami l-imputata *ex admissis* għamlet firma falza fuq ċekkijiet ta' Maria Masini, meħuda dawn mic-cheque book li l-istess imputata serqet mingħand Masini, u b'hekk ġiet li għamlet firma falza fuq dokumenti maħruġa minn bank kummerċjali li jagħtu ħajja lil relazzjoni kummerċjali ta' ħlas fil-konfront tal-persuna favur min ikunu nħarġu. Apparte minn hekk iċ-ċekkijiet imtlew mill-imputata u mhux minn Masini li ġin verità qatt ma kellha l-intenzjoni li toħroġ l-istess ċekkijiet a favur Kurt Carabott u a favur Joseph Lewis, u in effetti għall-ewwel lanqas biss kienet taf bihom.

Apparte l-falsifikazzjoni taċ-ċekkijiet in kwistjoni, l-imputata xjentement għamlet użu minn dawn iċ-ċekkijiet falsifikati biex tħallas lil Kurt Carabott u lil Joseph Lewis.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputata għandha tinstab ħatja tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha u anke tar-raba' imputazzjoni dedotta kontriha. Fil-każ ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet partikolari, hemm l-elementi tar-reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia (i) il-pluralità ta' azzjonijiet jew ommissjoni; (ii) vjolazzjoni ta' l-istess disposizzjoni tal-liġi; u (iii) magħmulin b'riżoluzzjoni waħda.

Kif osservat iktar 'l fuq fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Ġunju 2022, l-Avukat Ġenerali jindika wkoll l-Artikoli 187(1)(2) u 189 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jiddisponu li: *(1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha. (2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha, jeħel l-istess piena* (Artikolu 187)*; Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena* (Artikolu 189).

Minn eżami akkurat tac-*charge sheet* però jirriżulta immedjatament evidenti li l-imputata qatt ma ġiet mixlija bir-reati previsti fl-imsemmija żewġ artikoli tal-Liġi u konsegwentement għalhekk ma saritx kumpilazzjoni dwarhom.

Huwa ormai prinċipju ġuridiku assodat illi *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3)* ***ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni***[56]*; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[57].

Fid-dawl ta' dan il-prinċipju għalhekk isegwi li din il-Qorti hija prekluża milli tiġġudika lill-imputata għall-ħtija jew ħtijiet previsti fl-Artikoli 187(1)(2) u 189 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata:**

Bil-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli naqset milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqha bid-Digriet datat 15 ta' Frar 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., b'Digriet ieħor datat 29 ta' Marzu 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., u b'Digriet ieħor datat 23 ta' Mejju 2019 li bih ukoll kienet ingħatat il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 19 ta' Lulju 2022[58], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' din il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata, il-Prosekuzzjoni ppreżentat[59] vera kopja tat-tlett Digrieti għall-ħelsien mill-arrest datati rispettivament 15 ta' Frar 2018, 29 ta' Marzu 2018 u 23 ta' Mejju 2019 - Dok. "ARX2" sa' Dok. "ARX4" a fol. 148 sa' 153 tal-proċess, u ressqet bħala xhud lill-Ispettur Anna Marie Xuereb[60] li kkonfermat, qua uffiċjal prosekutur fil-proċeduri relattivi, li d-Digriet in kwistjoni nħarġu fil-konfront ta' l-imputata u li fiż-żmien tax-xhieda tagħha kienu għadhom in vigore. Dan kollu ġie kkonfermat ukoll minn Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali fix-xhieda li tat waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[61]

---

[56] Enfasi ta' din il-Qorti.
[57] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.
[58] Fol. 325 tal-proċess.
[59] Vide xhieda ta' l-Ispettur Andy Rotin mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021, fol. 143 u 144 tal-proċess.
[60] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022, fol. 170 u 171 tal-proċess.
[61] Fol. 185A u 185B tal-proċess.

Fid-dawl ta' dawn il-provi jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputata hija ħatja tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha wkoll.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata:**

Bis-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha, l-imputata qed tiġi mixlija talli saret reċidiva ai termini ta 'l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta 'Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Għall-finijiet ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ppreżentat sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Tania Borg" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Jannar 2014 - Dok. "ARX1" a fol. 145 sa' 147 tal-proċess. Mix-xhieda ta' Emereziana Agius, in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminlai, mogħtija waqt is-seduta is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022[62], jirriżulta li din is-sentenza ma ġietx appellata.

Il-Qorti tosserva li l-konnotati ta' l-imputata f'dawk il-proċeduri jaqblu mal-konnotati ta' l-imputata f'dawn il-proċeduri għajr għal numru wieħed fin-numru tal-Karta ta' l-Identità. Filwaqt li fis-sentenza msemmija n-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputata jaqra 289282(M), fil-proċeduri odjerni n-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imptuata jaqra 389282(M). Minkejja din id-diskrepanza f'dan in-numru fin-numru tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputata, li evidentement huwa żball tat-tipa, il-Qorti hija konvinta li s-sentenza imsemmija ngħatat fil-konfront ta' l-imputata odjerna, tant illi l-istess tinsab riflessa fuq il-fedina penali tagħha - Dok. "AR2" a fol. 16 tal-proċess.

B'dik is-sentenza l-imputata nstabet ħatja ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tagħha u ġiet ikkundannata għal tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin mid-data tas-sentenza. Huwa evidenti li l-imputata għandha titqies bħala reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għandha titqies bħala reċidiva anke ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Peress illi l-imputata ġiet ikkundannata għal 18-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin mid-data tas-sentenza, il-piena titqies skontata hekk kif jiddekorri t-terminu operattiv tas-sentenza sospiża. Konsegwentement huwa minn dakinhar li t-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jibda jiddekorri. Fil-każ in eżami għalhekk la s-sentenza msemmija titqies li ġiet skontata tlett snin wara l-15 ta' Jannar 2014, u b'hekk fil-15 ta' Jannar 2017, it-terminu ta' ħames snin previst fl-imsemmi Aritkolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ddekorra fil-15 ta'

[62] Fol. 173 tal-proċess.

Jannar 2022. Ir-reati li tagħhom l-imputata qed tinstab ħatja f'dawn il-proċeduri seħħew f'Arpil u Mejju 2021 u b'hekk entro l-imsemmi terminu ta' ħames snin.

Konsegwentement jiġi ribadit li l-imputata għandha titqies bħala reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputata u li tagħhom qed tinstab ħatja iżda, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata ħallset dak minnha dovut lil Joseph Lewis. Ikkunsidrat ukoll dak osservat u konkluż mill-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit fis-Social Inquiry Report minnha mħejji fil-konfront ta' l-imputata, senjatament li *l-imputata Tania Borg għandha bżonn għajnuna kemm psikoloġika kif ukoll soċjali. Għalhekk, bħala pjan ta' kura qiegħed jiġi ndikat li l-imputata għandha tibqa' tirċievi terapija psikoloġika li qed tingħata. Jidher li hi sejra tajjeb u qiegħda tibbenefika minnu. Dan il-pjan ta' kura jista' jwassal biex l-imputata tibqa' dejjem iffokata li timxi 'l quddiem waqt li tikkonsolida l-progress li għamlet. Dan jgħin biex l-istess Tania Borg issib it-triq tal-bilanċ u tkompli tgħix b'ħajja normali u dan ikun mezz sabiex hi terġa' takkwista lura l-fiduċja fiha nnifisha. Ma' dan ukoll, iżżid il-konoxxenza tal-konsegwenzi ta' għemilha fuq ħaddieħor*.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 183, 184, 261(d)(e), 268(a), 269(g), 281(a)(b), 308, 310(1)(b) u l-proviso ta' l-istess u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-imputata ħallset dak minnha dovut lil Joseph Lewis u qed tieħu wkoll għajnuna psikoloġika, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputata, is-sorveljanza tagħha minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi assikurat it-titjib psikoloġiku tagħha u li ma tkomplix b'ħajja ta' kriminalità, kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta 'reati oħra da parte ta 'l-imsemmija imputata, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) u l-ewwel proviso ta' l-imsemmi subartikolu (2) ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li hija tifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation imposta fuqha bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma 'tali Ordni ta 'Probation jew tagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, hija tista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputata kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna:

- Il-konfiska tas-somma ta' €200 mid-depożitu ta' €5,000 impost fuq l-imputata għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke datat 15 ta' Frar 2018;

- Il-konfiska tas-somma ta' €200 mill-garanzija personali ta' €10,000 imposta fuq l-imputata għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella datat 29 ta' Marzu 2018;

- Il-konfiska tas-somma ta' €200 mid-depożitu ta' €2,500 impost fuq l-imputata għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-Digriet pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 23 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti tagħmilha ċara li una volta li l-konfiska se tkun biss ta' parti mid-depożiti imposti bid-Digrieti datati 15 ta' Frar 2018 u 23 ta' Mejju 2019 u ta' parti mill-garanzija personali imposta bid-Digriet datat 29 ta' Marzu 2018, sabiex l-imputata tkun tista' tkompli tibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilha konċess bid-Digrieti msemmija, wara tali konfiska parzjali tad-depożiti u garanzija personali skond il-każ, hija jkollha terġa' tiddepożita l-ammonti hekk konfiskati u terġa' tagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li tagħmel dan l-imputata ma tkunx qed tottempera ruħha ma' dak fuqha impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk tkun qed tirrendi lilha nnfisha suġġetta għar-riarrest tagħha sakemm tiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilha konċess.

B'referenza għat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-revoka *contrario imperio* tad-Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest datati 15 ta' Frar 2018, 29 ta' Marzu 2018 u 23 ta' Mejju 2019, u għall-arrest mill-ġdid ta' l-imputata, il-Qorti mhux qed tilqa' l-istess talba u ma hijiex ser tirrevoka *contrario imperio* l-imsemmija Digrieti u mhux ser tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputata.

B'referenza għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li una volta li l-imputata ħallset lil Joseph Lewis dak minnha lilu dovut, ir-rikavat mir-reat imwettaq minnha ġie debitament trattat u għaldaqstant il-Qorti ma hijiex ser tapplika l-imsemmija żewġ provvedimenti tal-Liġi f'dan il-każ fil-konfront tagħha.

Peress illi fil-każ in eżami ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**